Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2006

Appell Kriminali Numru. 124/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Akram Amar Swayah**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Akram Amar Swayah talli f'dawn il-Gzejjer fl-1 ta' Awissu 2002:

a) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' P.S. 951 Joseph Tonna f'periklu car, ikkaguna offiza gravi, u cioe` sfregju gravi u permanenti fil-wicc jew fl-ghonq tieghu, persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz;

b) minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ P.C. 152 Consiglio Tanti f’periklu car, ikkaguna offiza hafifa fuq il-persuna tieghu, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz;

c) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra P.S. 952 Joseph Tonna u P.C. 152 Consiglio Tanti, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

d) bil-hsieb li jahrab minn post ta’ kustodja jew ta’ piena jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu, bi vjolenza fuq il-persuni ta’ P.S. 951 Joseph Tonna u P.C. 152 Consiglio Tanti, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

e) b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b’nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ghamel hsara ghad-dannu ta’ P.S. 951 Joseph Tonna, liema hsara ma taqbizx il-hamsin lira Maltin (Lm50).

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemi Akram Amar Swayah ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Akram Amar Swayah hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u, wara li rat l-artikoli 41, 95, 96, 152, 214, 216, 221, 328 u 533 tal-Kap. 9, ikkundannatu ghall-piena karcerarja ta’ tliet (3) snin u ordnat li jhallas lir-Registratur l-ispejjez ta’ l-espert mediku Dr. Dino Vella Briffa ammontanti ;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Akram Amar Swayahipprezentat fil-21 ta’ April 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tat-tieni, it-tielet, ir-raba’ u l-hames imputazzjonijiet, tirrevokaha u thassarha in kwantu sabitu hati ta' l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kif ukoll fil-parti tal-piena u minflok tinfliggi piena idoneja u gusta u/jew alternattivament tirriforma s-sentenza fil-parti li tirrigwarda l-piena billi tvarja, tbiddel u timmodifika l-piena nflitta fuqu u tinfliggi piena gusta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju principali ta’ l-appellant jirrigwarda d-decizjoni ta’ l-Ewwel Qorti li ssibu hati talli kkaguna offiza ta’ natura gravi konsistenti fi sfregju fuq il-persuna ta’ P.S. 951 Joseph Tonna meta l-esperti li ezaminaw lill-vittma kienu ddikjaraw illi l-offiza kienet wahda ta’ natura hafifa. Huwa rrefera ghax-xiehda ta’ Dr. Dino Vella Briffa, nominat appozitament mill-Ewwel Qorti, u dik ta’ Dr. Stanley Zammit. L-appellant isostni illi Dr. Gunther Abela kien ezamina lill-vittma fid-Dipartiment ta’ l-Emergenza u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha toqghod fuq ir-relazzjoni u konstatazzjonijiet ta’ Dr. Vella Briffa u l-ezamijiet medici ta’ Dr. Zammit. Jghid li hija ma kellhiex ragunijiet validi u sufficjenti sabiex tiskarta l-konstatazzjonijiet taghhom u, jekk kellha, ma spjegatx ir-ragunijiet ghaliex ma qaghditx fuq dak li qalu t-tobba msemmija. L-appellant isaqsi: jekk l-Ewwel Qorti rat di viso l-vittma u kkonstat illi l-ferita in kwistjoni hija vizibbli, ghaliex hi stess hasset il-bzonn illi tinnomina espert sabiex jikkonstata l-gravita` o meno tal-feriti? Jissokta jghid illi huwa pjuttost inkredibbli illi l-Ewwel Qorti qaghdet ghall-fehma ta’ l-espert parzjalment biss, u cioe` fis-sens illi din tinhass, u ma qaghditx ghall-fehma tieghu illi hija ta’ natura hafifa. Ghalhekk huwa seta’ jinsab hati biss li kkaguna offiza ta’ natura hafifa fuq P.S. 951 Joseph Tonna u mhux offiza ta’ natura gravi.

L-ewwelnett jigi osservat illi Dr. Stanley Zammit ma ezaminax lil P.S. 951 Joseph Tonna izda lil P.C. 152 Consiglio Tanti. Dan jidher car mic-certifikat Dok. ST1 a fol. 64 tal-process. Kwantu ghal dak li wassal lil-Ewwel Qorti li tikkunsidra l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna bhala gravi, l-Ewwel Qorti qalet hekk:

“Illi dwar il-ferita subita minn P.S. 951 Joseph Tanti [**recte:** Tonna], il-Qorti taqbel ma’ dak li qal Doctor Gunther Abela dwar in-natura ta’ tali ferita fis-sens li kienet ta’ natura gravi u fil-fehma taghha tali ferita hija dik li taqa’ fil-parametri tal-artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghaliex tikkostitwixxi sfregju gravi u permanenti fil-ghonq. Huwa minnu illi l-espert nominat mill-Qorti ddikjara illi l-ferita in kwistjoni kienet ta’ natura hafifa, ghaliex fil-fehma tieghu, peress li l-imputat [**recte:** il-vittma] huwa ragel ta’ hamsa u erbghin sena u ghandu l-gangala, ma dehrlux li kellu jikklassifikaha bhala ferita ta’ natura gravi.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 656 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe` min ghandu jiddeciedi, mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu. F’dan il-kaz il-Qorti rat di viso l-vittma u kkonstatat li l-ferita in kwistjoni hija wahda visibbli minn distanza normali u skond l-istess Doctor Dino Vella Briffa, tinhass ukoll.”

Minn dan jidher li l-Ewwel Qorti ma ghamlet l-ebda spropozitu legali jew logiku. Hija kellha kull dritt tinnomina perit u kull dritt taccetta jew ma taccettax kwalunkwe opinjoni li avvanza l-imsemmi perit. Difatti, nonostante li l-perit gie nominat mill-Qorti specifikatament sabiex jezamina lil P.S. 951 Joseph Tonna (artikolu 650 tal-Kap. 9), l-artikolu 656 jghid testwalment:

**“Min ghandu jiddecidi mhux marbut li joqghod ghall-fehma tal-periti kontra l-perswazjoni tieghu.”**

Ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet anke toqghod ghall-fehma ta’ Dr. Dino Vella Briffa li l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna “tinhass”, u ma toqghodx ghall-fehma tieghu illi tali offiza ma tikkostitwix sfregju galadarba hija stess

ikkonstatat illi l-offiza in kwistjoni “hija wahda visibbli minn distanza normali”. Skond gurisprudenza ormai pacifika difatti, il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik “li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma’xulxin” (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Spagnol**, 12 ta’ Settembru 1996, Vol. LXXX.iv.279).

Din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deciz fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Minn ezami tal-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba l-konkluzjoni taghha dwar in-natura ta’ l-offiza li garrab P.S. 951 Joseph Tonna, galadarba, kif qalet l-Ewwel Qorti, din tidher minn distanza normali.

Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju ta’ l-appellant jirrigwarda l-piena. Huwa jghid li din hija sproporzjonata, eccessiva u esagerata. Jghid li l-Ewwel Qorti donna riedet taghti ezempju lil u ghal kulhadd b’dan il-kaz, tant illi ddikjarat illi “l-Qorti thoss

li ghandha taghti messagg ukoll lis-socjeta` li hija ghandha tuza l-id harxa fil-kazijiet ta’ harba minn post tal-kustodja u dan ghaliex tali incidenti qed jizdiedu bir-rizultat li qed jikkrejaw perikolu attwali lis-socjeta` kif ukoll nuqqas ta’ fiducja fis-sistemi governattivi. Din il-Qorti ma tistax thalli twemmin bhal dan jizdied u ghandha tassikura lis-socjeta` li hija ghandha d-dover u d-dmir li tippunixxi tali agir b’severita`.” Isostni illi huwa sorprendenti u inkwetanti hafna illi l-Qrati tal-Magistrati taghna donnhom komunement juzaw bhala *scapegoats* lill-barranin meta jigu biex jaghtu messagg lis-socjeta`. Jghid illi minkejja l-importanza kbira tal-Pulizija fis-socjeta` demokratika taghna, principju ugwalment importanti fis-socjeta` taghna huwa dak illi *justice must be done and must be seen to be done*, u ghalhekk bl-istess mod illi kulhadd ghandu jhallas ta’ eghmilu, hadd ma jigi kkundannat iktar milli haqqu ghaliex anke karcerazzjoni eccessiva tikkostitwixxi ingustizzja. Huwa f’dan il-kuntest importanti illi wiehed jnnota illi l-Ewwel Qorti stess irrikonoxxiet illi qeghda tkun severa ma’ l-appellant fil-piena nflitta.

L-ewwelnett in materja ta’ piena, il-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[1].

M’hemmx dubju li l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti taqa’ fil-parametri tal-ligi. Biss biss jirrizulta illi l-piena dwar l-imputazzjoni li l-appellant ikkaguna offiza ta’ natura gravi lil P.S. 951 Joseph Tonna hija ta’ prigunerija minn disa’ xhur sa disa’ snin (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9) filwaqt illi l-piena dwar l-imputazzjoni ta’ tentattiv ta’ harba hija ta’ prigunerija minn sentejn sa erba’ snin imnaqqsa bi grad jew tnejn (artikoli 41(1)(a), 152 tal-Kap. 9).

---

[1] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

U kif jinghad f'**Blackstone's Criminal Practice 2001**[2]:
**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [3]

Din hija l-pozizzjoni li din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll f'dik inferjuri, konsistentement tiehu. Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma ssibx illi l-piena

[2] Para. D22.43 p. 1647.
[3] Page 1695, para. D23.45

nflitta mill-Ewwel Qorti hija *"wrong in principle or manifestly excessive"*. Konsegwentement l-aggravju dwar il-piena huwa michud ukoll.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------